MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 30

(L-EWWEL PARTI)

17 ta' Awwissu 2021

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 30 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar it-Tlieta 17 ta' Awwissu 2021 fis-6.00 pm.

### Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

### Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 6.5. tas-Seduta Nru. 28 tat-12 ta' Lulju 2021 u talab li din tiġi mibdula kif ġej:

"*6.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-tul ta' żmien u l-volum tat-traffiku ddevjat lejn il-Manikata ser jikkawża nkonvenjenzi enormi għar-residenti tal-istess raħal. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li għandu jsir sforz mill-Kunsill, biex tinfetaħ it-triq proposta bejn Triq il-Mellieħa u Triq il-Biedja, sabiex jiġi evitat li t-traffiku jgħaddi mill-qalba tal-Manikata. Ittieħed in konsiderazzjoni li din it-triq kienet kontroversjali peress li tista' taffettwa l-ilma tal-pjan, u l-ambjent ta' irħajjel bħalma hija l-Manikata.*".

1.3. Il-minuti tas-Seduti Nri. 28 u 29, li saru fit-12 u t-28 ta' Lulju 2021 rispettivament, ġew approvati mingħajr aktar emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jipprovdi għall-ħolqien ta' *mobile app* għall-promozzjoni ta' postijiet ta' interess fil-lokalità tal-Mellieħa (P/10/38)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 7.1. fil-minuti tas-Seduta Nru. 29 tat-28 ta' Lulju 2021, dwar l-għoti tal-kuntratt lill-Webee Ltd, liema deċiżjoni ġiet notifikata lill-offerenti kollha. L-offerent App-Raiser (153636) dehrlu li għandu jappella minn din id-deċiżjoni u baqa' jinsisti li jagħmel preżentazzjoni sħiħa tas-sottomissjonijiet tiegħu, għaliex hemm minn iħallat *3D photogrametery* ma' *360° imagery*.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Introduzzjoni ta' *speed humps* fi Triq ix-Xagħra ta' Barra (T/3/2/Vol XVI)

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 28 tat-12 ta' Lulju 2021 u talab lill-Kunsill jindika l-postijiet eżatt fejn qed jiġu proposti l-*ispeed humps* sabiex ikun jista' jintbagħat kwestjonarju lir-residenti, skont il-proċedura stabbilita fir-rigward ta' toroq urbani.

2.2.3. Il-Kunsill qabel mal-postijiet indikati fuq il-pjanta mressqa u talab li ssir-konsultazzjoni mar-residenti skont il-proċedura stabbilita.

### 2.3.1. Rijorganizzazzjoni tal-*bring-in sites* fil-lokalità (K/6/10/Vol VII)

2.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.8.1. tas-Seduta Nru. 28 dwar is-suġġett t'hawn fuq. Huwa rrefera wkoll għall-imejl datat 17 ta' Awwissu 2021 mibgħut minn persuna li jiffrekwenta l-Armier iż-Żgħir fejn talab li l-*i-Bins* maħruqa jinbidlu ma' oħrajn ġodda, peress li r-residenti tal-kmamar attwalment m'humiex jisseparaw l-iskart.

2.3.3. Billi l-iskema mhux f'pożizzjoni li tipprovidi i-Bins ġodda, is-Sur C. Debono ssuġġerixxa sabiex ikun hemm *bring-in site* fil-Manikata billi tonqos *i-Bin* tal-karta f'Maċċa, u waħda metal, plastik u ħġieġ minn Triq l-Arżnell. Sabiex il-*bring-in site* tal-Armier iż-Żgħir issir mill-ġdid jistgħu jitnaqqsu *i-Bin* waħda tal-karta, metal, plastik,u ħġieġ mir-Ramla tat-Torri l-Abjad.

2.3.4. Il-Kunsillier I. Castillo qal li kemm-il darba jitwettaq l-ispustjar propost fil-minuta 2.3.3. aktar 'il fuq, jeħtieġ li tiżdied il-frekwenza tat-tbattil.

2.3.5. Il-Kunsill qabel mal-ispustjar propost fil-minuta 2.3.3. u talab li ssir talba għal dan il-għan lill-iskema GreenPak.

2.3.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li l-i-Bins li attwalment jinsabu fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi jitqassmu sett fl-Armier, ieħor fil-Manikata, u żewġ settijiet fi Triq Selmun.

2.3.7. Il-Kunsillier M. Abela qal li l-post indikat fi Triq Selmun għat-tqegħid ta' i-Bins huwa l-istess post indikat għall-*interchange* tal-karozzi tal-linja.

2.3.8. Il-Kunsillieri E. Bartolo u I. Castillo esprimew l-oġġezzjoni tagħhom għall-introduzzjoni ta' i-Bins fi Triq Selmun. Is-Sur I. Castillo qal li dawn m'għandhomx jitneħħew sempliċiment għaliex Triq l-Iżbark tal-Franċiżi ġiet żviluppata kollha. Huwa ppropona li l-*bring-in site* possibilment għandha ssir taħt l-art u l-iżviluppatur għandu jintalab jikkontribwixxi għaliha permezz tal-*planning gain* li seta imponiet l-Awtorità tal-Ippjanar mal-permess, jew mid-*Development Planning Fund*.

2.3.9. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li m'għandhomx jiġu spusstjati i-Bins għal żoni diżabitati bħal Triq Selmun jew Triq il-Mellieħa. Il-pjan fit-tul f'dan ir-rigward għandu jkun li l-*bring-in site* jsiru taħt l-art, kemm-il darba l-iskema hija attrezzata li tagħti servizz f'dawn it-tip ta' faċilitajiet.

### 2.4.1. *Bins-on-wheels* fi Triq l-Arżnell u Triq il-Padrun (K/6/2/Vol V)

2.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.15.1. tas-Seduta Nru. 28 tat-12 ta' Lulju 2014 u ipproponietli li flimkien mal-*bins-on-wheels* f'Tas-Sellum għandhom jitneħħew

dawk li jinsabu fil-Miżieb u fi Triq tad-Dahar qrib it-Torri l-Aħmar. Hija qalet li dawn qed jiġu abbużati minn persuni li jmorru minn postijiet oħra. Hija pproponiet ukoll li fil-Miżieb għandha titwaħħal tabella sabiex il-*picnikers* jieħdu l-iskart magħhom id-dar.

2.4.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa xettiku dwar l-effett li tħalli din il-miżura, għalkemm jaqbel li l-*bins-on-wheels* jattiraw skart minn bnadi oħra.

2.4.4. Il-Kunsill laqa' il-proposta skont il-minuta 2.4.2. aktar 'il fuq.

### 2.5.1. Proġett *Slow Streets* (T/3/6)

2.5.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.17.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-preżentazzjoni dwar il-proġett imsemmi ser issir nhar is-Sibt 28 ta' Awwissu 2021 fid-9.00 am. Huwa qal li r-rapport li sar ser jintbagħat minn qabel.

2.5.3. Il-Kunsill ħa nota.

2.5.4. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għal rappurtaġġ li kien hemm fuq il-mezzi tax-xandir fejn issemmew il-Kunsilli li ser jibbenefikaw minn fondi għal titjib fil-lokalitajiet rispettivi. Huwa nnota li l-Mellieħa ma kinitx wieħed minnhom.

2.5.5. Is-Sindku D. Vella wieġeb li qabel xejn, il-Kunsill irid japprova r-rakkomandazzjonijiet li jsiru mill-perit inkarigat

### 2.6.1. Immaniġġjar tat-traffiku waqt xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq il-Pwales u fit-Telgħa tax-Xemxija (W/2/Vol II)

2.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-Seduta Nru. 28 tat-12 ta' Lulju 2021. Minn kuntatti li kien hemm mal-inġinier inkarigat sar magħruf li qed tiġi mistħarrġa l-possibiltà li l-katusi tad-drenaġġ eżistenti jingħata jiġu trattati minn ġewwa b'materjal apposta li jġibhom fl-istat oriġinali tagħhom. B'dan il-mod ma jkunx hemm ħtieġa li jsir skavar sabiex dawn jinbidlu. L-istess uffiċjal kellu jgħarraf lill-Kunsill dwar kif ser tipproċedi l-Korporazzjoni f'dan ir-rigward.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Pubblikazzjoni – *Colours of the North* (P/3/2/Vol V)

2.7.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.19.1. tas-Seduta Nru. 28 tat-12 ta' Lulju 2021 u għarraf li s-serata meta ser titnieda l-pubblikazzjoni msemmija ser issir fil-Foss tal-Imdina fis-17 ta' Settembru 2021 fis-7.30 pm. Il-Kunsill kollu huwa mistieden li jattendi.

2.7.3. Il-Kunsill innota l-appuntament.

### 2.8.1. Attivajiet għall-anzjani li jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum (A/1/1/Vol II)

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.31.1. tas-Seduta Nru. 28 tat-12 ta' Lulju 2021 dwar koperazzjoni bejn il-Kunsill u d-direzzjoni taċ-Ċentru għall-Anzjanità dwar it-tmexxija tal-istess faċilità. Hija qalet li d-direzzjoni taċ-ċentru hija ferm sodisfatta bil-kollaborazzjoni li qed ikun hemm mal-Kunsill. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet li nstabet għalliema tad-drama li lesta torganizza erba' sessjonijiet ta' siegħa 'l waħda bi spiża totali ta' €180. Hemm ukoll il-ħsieb li tingħata taħdita dwar Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija.

2.8.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Ilmenti ġenerali (C/6/Vol VIII)

3.1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini staqsiet jekk tistax tittieħed azzjoni dwar:

- Arbuxxelli quddiem il-Maritim Hotel Antonin & Spa li qed jnaqqsu l-viżibilità tax-xuffiera li jkunu ħerġin minn Triq Adenau;
- Żjut fit-taraġ ta' Triq il-Kannestru kkawżat mill-ħaddiema tar-ristorant li hemm biswit;

3.1.3. Ittieħdet nota taż-żewġ ilmenti sabiex isiru l-kuntatti meħtieġa.

### 3.2.1. Tindif fi Triq it-Trill (K/6/2/Vol V)

3.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-passaġġ li hemm fil-parti ta' fuq nett ta' Triq it-Trill, li jiġi biswit Triq il-Marfa. Huwa staqsa dwar jekk dan huwiex privat, billi jeħtieġ li jitnaddaf.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-parti tat-triq indikata hija asfaltata u għalhekk għandha titnaddaf mill-kuntrattur tal-Kunsill.

### 3.3.1. *Pedestrian crossing* fi Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (T/3/2/Vol XVI)

3.3.2. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar jekk hemm pjanijiet li ssir *pedestrian crossing* f'Misraħ il-Parroċċa, bejn il-parkeġġ u l-knisja tal-Manikata.

3.3.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutjar qalet li l-post indikat jista' ikun perikoluż minħabba li l-viżibilità għall-minn ġej mid-direzzjoni tal-Mellieħa mhux daqshekk tajba.

3.3.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li biex isir *crossing* fil-post indikat fil-minuta 3.3.2. jeħtieġ li ssir bankina fuq in-naħa tal-parkeġġ, u b'hekk jitnaqqas l-ispazju għall-ipparkjar. Huwa ppropona, li jsiru żewġ *crossings*: waħda fi Triq Dun Manwel Grima kantuniera ma' Misraħ il-Parroċċa u oħra fi Triq il-Knisja l-Qadima kantuniera ma' Triq il-Mejjiesa.

3.3.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li tista' issir waħda qrib id-daħla għall-parkeġġ minn Triq Dun Manwel Grima.

3.3.6. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta li tinvolvi *crossing* fi Triq Dun Manwel Grima kantuniera mal-misraħ,u oħra fin-naħa t'isfel tal-istess misraħ biswit Triq Dun Manwel Grima.

### 3.4.1. Tqegħid ta' *tender boats* fuq il-Moll tat-Tunnara (X/1/5)

3.4.2. Il-Kunsillier I. Castillo għarraf li minn għandu opri tal-baħar irmiġġjati qrib il-moll imsemmi, qed isib diffikultà fejn ser iħalli t-*tender boat*. Kompla jgħid li riċentement uffiċjali minn Transport Malta talbu lis-sidien tagħhom ma jħalluhomx marbuta mal-moll. Anke meta dawn ittellgħu l-art, intalbu jneħħuhom ukoll.

3.4.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-Kunsill dejjem kien kontra li l-moll jiġi nġumbrat bl-opri tal-baħar, partikularment matul ix-xhur tas-sajf.

3.4.4. Is-Sindku D. Vella qal li huwa nfurmat li Transport Malta ser jallokaw post fil-baħar fejn jitpoġġew it-*tenders*, filwaqt li ser jwaħħlu tabelli li jindikaw dan l-arranġament.

### 3.5.1. *Sub-Station* tal-Enemalta fil-parti t'isfel ta' Triq Għajn Żejtuna (E/1/Vol III)

3.5.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li l-*membrane* tas-saqaf tas-*substation* imsemmija ilu żmien li nqala u ma ġiex mibdul. Huwa nnota wkoll li hemm ħafna ħaxix madwar l-istess binja li faċilment jista' jieħu n-nar.

3.5.3. Il-Kunsill talab sabiex dan l-ilment jiġi mgħoddi lill-Enemalta plc.

### 3.6.1. *European Mobility Week* 2021 (A/4/5/Vol IV)

3.6.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-korrispondenza datata 28 ta' Lulju 2021 mibgħuta mill-organizzazzjoni mhux governattiva ROTA, dwar is-suġġett imsemmi. Huwa ppropona li ssir attività fi Triq Qasam Barrani nhar il-Ġimgħa 20 ta' Awwissu 2021.

3.6.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ssuġġeriet li bejn l-14 u t-22 ta' Awwissu issir xi attività f'Misraħ il-Parroċċa. Il-Kunsillier I. Castillo fakkar li n-numru ta' persuni li jieħdu sehem irid ikun limitat, filwaqt li l-*area* użata tkun imdawwra bil-barrikati. Huwa qal li ser ikompli l-kuntatti dwar is-suġġett.

### 3.7.1. Użu tal-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

3.7.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li mhux qed ikun possibbli li bl-iskeda attwali tal-kustodju tal-Park jiġu akkomodati l-ħinijiet li fihom l-assocjazzjonijiet sportivi li jagħmlu t-taħriġ tagħhom. Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-ħin tal-kustodju jiġi estiż mit-8.30 pm sad-9.00 pm kull nhar ta' Erbgħa u Ħamis.

3.7.3. Il-Kunsill approva iż-żieda ta' siegħa fil-ġimgħa biex tkopri nofs siegħa fil-ġranet indikat, bejn Ottubru u Marzu.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 17/08/21;
- Skeda ta' Pagamenti – 12/07/21 – 13/08/21;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 11/06/21 – 22/07/21;
- Skeda riveduta dwar it-tindif ta' toroq urbani;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. PA 4813/21 – Żvilupp li jikkonsisti minn *supermarket* u kafetterija bejn Triq il-Kbira u Triq Tas-Salib (P/5/8/K)

5.1.2. Saret referenza għal applikazzjoni msemmija li tinvolvi t-twaqqiegħ ta' binja eżistenti sabiex tiġi żviluppata mill-ġdid bħala *supermarket*, kafetterija, tliet sulari appartamenti u *penthouse*. It-talba tinkludi wkoll *basement* b'żewġ livelli 'l isfel mill-wiċċ ta' Triq il-Kbira.

5.1.3. Il-Kunsill innota li l-iżvilupp propost jinkludi 25 appartament u uffiċju, filwaqt li l-*basement garage* proposta jista' jakkomoda 41 vettura.

5.1.4. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li għandha ssir rappreżentazzjoni fis-sens li:

(a) fil-binja proposta għandu jkun hemm kamra għad-depiżitu tal-iskart, sabiex jiġi evitat li dan jitħalla fi kwantitajiet kbar fuq il-bankina, meta jitqies li fil-binja proposta ser jiġi ġġenerat ammont sinifikanti ta' skart;

(b) Għandu jsir *Traffic Impact Assessment* sabiex jiġi stabbilit id-daqs adekwat tal-parkeġġ *vis-a-vis* l-attivitajiet kollha li ser ikunu għaddejjin fil-binja proposta.

### 5.2.1. PA 5277/21 – Sanzjonar ta' *mobile kiosk* fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (P/5/8/T)

5.2.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf dwar applikazzjoni għas-sanzjonar ta' *mobile kiosk* fuq sit permanenti fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, li tinkludi t-twaħħil ta' tabella miegħu, flimkien ma' *mobile toilet*.

It-talba tinvolvi wkoll pjattaforma ta' 14.37 x 10.48 metri ntiża għat-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet.

5.2.3. Il-Kunsillieri I. Castillo u G. Micallef kkummentaw li żvilupp bħal dan m'għandux ikun hemm oġġezzjoni għalih meta qiegħed jingħata servizz lill-minn jiffrekwenta r-ramla, inkluż dak ta' latrina pubblika. Is-Sur I. Castillo aċċenna wkoll ż-żona hija miżgħuda bi żvilupp illegali u għalhekk l-infurzar għandu jkun konsistenti fuq kulħadd.

5.2.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li ma jfissirx li l-żvilupp illi diġa sar għandu jiġi sanzjonat awtomatikament, għaliex minn jabbuża jkun qed jingħata garanzija li l-permess ser joħroġ xorta waħda.

5.2.5. Is-Sindku D. Vella staqsa dwar kienx hemm rispons minn entitajiet oħra dwar l-istess applikazzjoni, u jekk kien hemm każi simili li ġew diskussi mill-Kunsill fil-passat.

5.2.6. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għar-rispons li kien hemm mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu fejn intqal illi l-*policy* attwali hija li tnaqqas l-iżvilupp mal-kosta. Kompla jgħid li dwar żvilupp simili max-xtut, Kunsilli preċedenti kienu esprimew li m'għandiex tiżdied aktar attività kummerċjali. Issemma wkoll li fir-rigward tal-Bajja tal-Għadira fl-2014, l-Awtorità tal-Ippjanar kienet assessjat is-sitwazzjoni tal-kjoskijiet u fasslet *method statement* ta' kif dawn għandhom isiru mill-ġdid. Huwa qal ukoll li hemm il-*policy* RCO16 fil-Pjan ta' Struttura għall-Gżejjer Maltin (1990) li tittratta l-bajjiet u l-għaram tar-ramel, kif ukoll il-Linji Gwida dwar il-Kjoskijiet (1994), u l-*policy* 4.1.5. tal-*Guildelines on Outdoor Catering Areas on Public Open Space* (2015).

5.2.7. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar fejn tinġibed l-attenzjoni li l-applikazzjoni in kwistjoni għandha tiġi trattata skont il-*policies* u l-azzjonijiet li ttieħdu fil-passat skont kif deskritt fil-minuta 5.2.6. aktar 'il fuq.

## 5.3.1. Dħul ta' vetturi fi Triq Sant' Anna minn Triq Ġorġ Borg Olivier
**(T/3/2/Vol XVI)**

5.3.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret proposta mill-Pulizija tal-Komunità sabiex issir *bollard* fil-bidu ta' Triq Sant' Anna, billi qed ikun hemm vetturi li jduru minn Triq Ġorġ Borg Olivier, minkejja li hemm tabella li tipprojbixxi dan.

5.3.3. Il-Kunsillier M. Abela kkummenta li jista' ikun li m'hemmx spazju biżżejjed biex issir il-bollard, minħabba li vetturi kbar normalment jistennew traffiku li jkun qed idur minn Triq Ġorġ Borg Olivier.

5.3.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta dwar l-introduzzjoni ta' żewġ *bollards* flessibbli eżatt fil-kantuniera .

## 5.4.1. Faċilitajiet fil-Bajja tal-Mistra **(X/1/3/Vol VI)**

5.4.2. Saret referenza għal nota tad-29 ta' Lulju 2021, mibgħuta mill-Kunsillier I. Castillo dwar l-introduzzjoni ta' *mobile toilets* fil-Bajja tal-Mistra, kif ukoll it-tqegħid mill-ġdid ta' *litter bins* fejn hemm il-kmamar.

5.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-proposta dwar il-*mobile toilets* tista' tiġi kkunsidrata għas-sajf 2022, filwaqt li kien hemm qbil li għandha ssir talba lid-Diviżjoni tal-Indafa u l-Manutenzjoni sabiex jitpoġġew *bins* fil-post indikat.

## 5.5.1. Pateċipazzjoni fi proġetti ffinanzjati permezz tal-Programm Erasmus+
**(P/10/1/Vol IV)**

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 5 ta' Awwissu 2021 mibgħut mis-Sur Angelo Ciochetti – kordinatur ta' proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej - fejn stieden lill-Kunsill jieħu sehem fi tlieta minn dawn, li jitrattaw:

- L-immaniġġjar tal-iskart;
- L-identità nazzjonali *vis-a-vis* il-lingwa; u
- Il-Bauhaus Ewropew ġdid (proġett ambjentali, ekonomiku u kulturali, li għandu l-għan li jgħaqqad id-disinn, is-sostenibbiltà, l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u l-investiment, sabiex jgħin fit-twettieq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew)

5.5.3. Kien hemm qbil li din il-proposta għandha tiġi trattata fid-dawl ta' inpenji simili li l-Kunsill diġa daħal għalihom.

### 5.6.1. Spettaklu pirotekniku mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol IV)

5.6.2. Saret referenza għal imejl datat 2 ta' Awwissu 2021, mibgħut mill-għaqda msemmija, fejn appellaw lill-Kunsill jikkontribwixxi għall-inizjattiva tagħhom li ser titwettaq fis-6, 7 u 8 ta' Settembru 2021 fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja.

5.6.3. Il-Kunsill laqa' l-appell u talab li jsiru kuntatti sabiex jiġi stabbilit il-mod kif jista' ikun hemm koperazzjoni fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363). Kien hemm qbil li m'għandhomx jiġu kommessi aktar minn €1,500 b'rabta ma' dan il-programm.

### 5.7.1. Introduzzjoni ta' *speed hump* fi Triq il-Wied (T/4/10/Vol XVi)

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Lulju 2021 dwar proposta sabiex issir *speed hump* fi Triq il-Wied, peress li vetturi qed iduru b'veloċità qawwija għal Triq Monsinjur Indri Fenech.

5.7.3. Il-Kunsill qabel li tista' tiġi kkunsidrata *speed hump* eżatt fil-kantuniera msemmija wara li ssir konsultazzjoni mar-residenti, skont il-proċedura stabbilità fir-rigward ta' postijiet urbani.

### 5.8.1. Estensjoni ta' faċilitajiet ta' ħatt/tagħbija fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XVI)

5.8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret talba minn sid ta' maħżen li jinsab f' Nru. 15, Triq l-Etna, bejn Triq l-Għoljiet u Taraġ il-Baqquniera. Dan qed jintalab peress li l-faċilitajiet eżistenti mhumiex qed jaqdu l-ħtiġijiet ta' operaturi oħra fl-istess blokka.

5.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li sakemm m'hemmx arranġamenti oħra fuq in-naħa tal-imħażen/ħwienet, għandha ssir kaxxa safra quddiem il-fond imsemmi.

### 5.9.1. *Lift* bejn Triq l-Inkurunazzjoni u l-Belveder tas-Sur (F/1/7/Vol V)(P/8/4)

5.9.2. Saret referenza għall-Iskema dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilità u Mobilità mħabbra skont Ċirkulari SPI.SCI.3.2020 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali tal-14 ta' Settembru 2020. Il-Kunsill ġie mfakkar li fis-Seduta Nru. 19 ta' 13 ta' Ottubru 2020 kien ġie deċiż li għandha ssir applikazzjoni għall-finanzjament tal-proġett tal-lift bejn Triq l-Inkurunazzjoni u l-Belveder tas-Sur. Permezz ta' imejl datat 4 ta' Awwissu 2021, il-Kunsill ġie notifikat dwar l-approvazzjoni ta' għotja ta' €33,407.55 għal dan il-proġett.

5.9.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li dan il-proġett għandu mhux kopert bil-permessi meħtieġa. S'issa saret talba lill-Awtorità tal-Artijiet - LC LC1/2020/0011 – li permezz tagħha rriżulta li parti mill-art hija pubblika u parti tal-Kurja.

5.9.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jitkomplew il-proċeduri sabiex jinkiseb il-permess tal-Kurja u jibdew il-proċeduri mal-Awtorità tal-Ippjanar.

### 5.10.1. Laqgħa mat-*Touring Caravan Association* (C/4/Vol VI)

5.10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 9 ta' Awwissu 2021 fejn l-assoċjazzjoni msemmija talbet laqgħa mal-Kunsill.

5.10.3. Il-Kunsill aċċetta t-talba.

### 5.13.1. Caqlieq ta' *bus stop* 'Pitirross' fi Triq il-Kbira (B/6/Vol II)

5.13.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-*bus stop* fid-direzzjoni taċ-Ċirkewwa, li jinsab bejn Triq il-Garżella u Misraħ tas-Salib. Huwa fakkar li dan kien iċċaqqlaq temporajament minħabba li l-fond ma' ġenbu u kostruzzjoni. Billi, issa dan ix-xogħol tlesta, is-Sur E. Bartolo talab li għandha ssir talba lil Transport Malta sabiex dan jerġa' imur lura fejn kien qabel.

5.13.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 5.14.1. Laqgħa mal-President tal-Malta (M/4/1/Vol III)

5.14.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fuq stedina tal-President l-E.T. Dr George Vella, is-Sindki kollha tar-Reġjun Tramuntana laqgħa miegħu fejn prinċipalment ġew diskussi l-infurzar tal-liġi fil-lokalitajiet, kif ukoll aktar sehem tal-Kunsilli Lokali fil-ħruġ ta' permessi għall-iżvilupp.

5.14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.15.1. Tnedija ta' CD dwar mużika sagra (I/1/Vol X)

5.15.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fid-29 ta' Lulju 2021 huwa attenda attività organizzata mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, fejn saret it-tnedia CD dwar mużika sagra tas-Surmast Vincenzo Ciappara ffinanzjata taħt l-iskema *Promoting Our Musical Heritage* amministrata mill-*Malta Council for the Voluntary Sector*.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.16.1. Kontroll fuq ir-rimi tal-iskart fil-postijiet għall-ikkampjar (C/4/Vol VI)

5.16.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fil-5 ta' Awwissu 2021 saret laqgħa ma' uffiċjali mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi fejn ġie diskuss titjib li jista' isir fil-ġbir tal-iskart u ssir sorveljanza permezz ta' CCTV cameras. Issemmiet il-possibiltà li ERA tkun tista' tgħin finanzjarjament biex jintlaħaq dan il-għan. Ġiet anke trattata l-problema dwar rimi ta' skart li jinġieb minn postijiet oħra ġewwa l-Aħrax.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.17.1. Arranġamenti marbuta mal-Festa tal-Vitorja 2021 (F/2/Vol VIII)

5.17.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għall-fatt li l-attivitajiet marbuta mal-festa se jkunu ridotti minħabba l-pandemija, iżda fid-dawl tal-protokolli attwalment fis-seħħ wieħed qed jistenna li fis-7 u 8 ta' Settembru jinġabru aktar nies mis-soltu f'Misraħ il-Parroċċa minħabba l-għadd ta' bars u ristoranti li hemm fl-istess pjazza. Sabiex jingħata aktar spażju lill-pubbliku, is-Sur D. Vella ssuġġerixxa li l-misraħ għandu jingħalaq għat-traffiku filgħaxija fis-7 ta' Settembru, filwaqt li nhar il-festa tibqa' magħluqa matul il-jum kollu.

5.17.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.18.1. Rapport ta' ħidma mill-Pulizija tal-Komunità (P/9/4)

5.18.2. Is-seduta ġiet sospiża għal ftit tal-ħin peress li s-Surġent K. Xerri talab sabiex jagħti rendikont tal-ħidma mill-Pulizija tal-Komunità. Huwa qal li mill-15 ta' Marzu 2021 inħarġu 720 ċitazzjoni relatati mat-traffiku. Tneħħew 15-il vettura li kienu abbandunati fit-toroq, li ħamsa minnhom ġew irmunkati. Kien hemm ukoll persuna li ġiet arrestata fuq serq minn fuq bajja.

5.18.3. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk il-Pulizija tal-Komunità jaħdmux direttament mal-Iskwardra ta' kontra d-Droga. Is-Surġent Xerri wieġeb li l-Pulizija tal-Komunità normalment tgħaddi t-tagħrif jew osservazzjonijiet lill-*Criminal Intelligence and Analysis Department*, li

minn naħa tagħhom jaraw lil liema sezzjonijiet għandha tiġi assenjata l-investigazzjoni meħtieġa.

5.18.4. Il-Kunsillier R. Bartolo Cutajar aċċennat għall-postijiet *airbnb,* u *self catering apartments*, fejn minn jokkupahom ma jkunx familjari mal-iskeda tal-ġbir tal-iskart u allura hemm tendenza li jew l-iskart jinżamm ġewwa sakemm jinħareġ mill-*cleaners*, jew jinħareġ kuljum ikun x'ikun it-tip ta' skart. Hija staqsiet dwar jekk il-Pulizija tal-Komunità ikunux f'pożizzjoni li jqassmu materjal f'dan ir-rigward, fl-iktar postijiet affettwati. Is-Surġent Xerri wieġeb fil-pożittiv.

5.18.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-miżuri li jeħtieġ jittieħdu meta t-Telgħa tax-Xemxija u t-Telgħa ta' Selmun ikollhom jingħalqu minħabba xi nċident. Hija staqsiet dwar jekk il-Pulizija tal-Komunità jistgħux jintervjenu mal-Pulizija tad-Distrett u dawk tat-Traffiku sabiex jitfassal pjan ta' kontinġenza, li jkun jinvolvi l-għeluq tat-triq tal-Miżieb minn naħa ta' Triq Lewis Wettinger.

5.18.6. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li ma jaqbilx illi t-traffiku jinżamm milli jinżel minn Triq il-Miżieb għaliex huwa iktar diffiċli li t-traffiku jimxi bil-kontra. Importanti li ssir superviżjoni tad-dħul mid-direzzjoni ta' Triq Għajn Tuffieħa, fejn jitħalla biss aċċess għar-residenti tal-Imbordin. Għandu jkun hemm supervizzjoni wkoll fejn il-ġibjun hekk kif wieħed iħalli l-Imbordin, sabiex jiġi żgurat li din l-eċċezzjoni ma tiġix abbużata. Is-Sur J. Buttigieg qal li dan l-arranġament ħadem tajjeb ħafna nhar il-Ħadd 15 ta' Awwissu għaliex t-traffiku tqassam bejn it-triq tal-Miżieb u Triq il-Mellieħa.

5.18.7. Il-Kunsillieri I. Castillo staqsa dwar jekk huwiex fil-kompitu tal-Pulizija tal-Komunità li jaraw illi ma jsirux *barbecues* bl-użu tal-gass fil-bajjiet tal-Għadira u tal-Mixquqa.

5.18.8. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li fl-Armier qed ikun hemm tined max-xatt biswit il-parkeġġ, fejn anke jsiru *barbecues* taħt l-istess tabelli din l-attività.

5.18.9. Is-Surġent Xerri kkonferma li jsiru spezzjonijiet fil-bajjiet anke bil-lejl billi l-ħinijiet tax-xogħol tagħhom idumu sal-11:30 pm. Huwa qal ukoll li l-Bajja tal-Mixquqa mhux normali li jagħmlu spezzjonijiet, peress li hemm jagħmel parti mid-Distrett tal-Pulizija Nru. 9A tal-Mosta. Minkejja dan, huwa nfurmat li r-*rangers* tal-Park tal-Majjistral qed jagħmlu xogħol tajjeb f'dan ir-rigward fil-Bajja tal-Mixquqa.

5.18.10. Is-Sindku D. Vella rringrazzja lis-Surġent tal-informazzjoni u l-ħidma tagħhom, u wara tkompliet is-seduta.

### 5.19.1. Bini ta' ħajt tal-gagazza/sejjieħ fi Triq in-Naħal (D/3/1/Vol V)

5.19.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li jinbena ħajt tal-gagazza fi Triq in-Naħal bejn Taraġ il-Baqquniera u Taraġ il-Landiera bil-għan li jitneħħa l-ħajt eżistenti tal-franka, kif ukoll jinkesa l-wiċċ tal-blat fuq in-naħa fejn mhemmx bini.

5.19.3. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi verifikat ta' min hija l-art konfinanti minn Triq il-Plejju u Triq in-Naħal.

### 5.20.1. Tindif volontarju fil-partijiet urbani tal-lokalità (T/4/2/Vol 27)

5.20.2. Il-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar u K. Buttigieg ipproponew li jsir tindif f'inħawi residenzjali tal-lokalità sabiex tinħoloq aktar kuxjenza dwar iż-żamma tal-indafa. Fil-bidu ser jiġu mħajjra l-għaqdiet sportivi, iżda l-inizjattiva mhux ser tkun limitata għalihom biss. Il-Kunsilliera Bartolo Cutajar għarrfet ukoll li aktar 'il quddiem ser titressaq skeda ta' attivitajiet li jibdew f'Ottubru 2021.

5.20.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

### 5.21.1. PC 0025/20 – Triq ġdida bejn Dawret it-Tunnara u Triq il-Qarnit (P/5/8/Q)

5.21.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 28 tat-12 ta' Lulju 2021 dwar l-appell li sar fir-rigward tat-triq imsemmija li tneħħiet mill-iskema. Huwa għarraf li fl-ewwel smiegħ tal-appell li sar fis-27 ta' Lulju 2021, ġew ippreżentanti żewġ rikorsi f'isem il-Kunsill li kienu jinvolvu:

(a) Korrezzjoni fl-isem tal-appellant; u

(b) Inġibdet l-attenzjoni li t-Tribunal illi ddeċieda l-appell 483/18 dwar l-applikazzjoni PC 0026/14 huwa compost b'mod identiku għal dak li ser jiddiċiedi fuq l-applikazzjoni PC 0025/20. Għaldaqstant, intalab li l-membri tat-Tribunal jastjenu milli jieħdu konjizzjoni ta' dan l-appell. Fl-istess rikors intalbet ukoll ir-rikuża taċ-*Chairperson* tat-Tribunal għall-fatt li effettivament huwa impjegat mal-Awtorità tal-Ippjanar u allura għandu f'relazzjoni ta' dipendenza ma' waħda mill-partijiet;

5.21.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li wieħed jistenna l-eżitu' tar-rikorsi msemmija qabel id-differiment li ngħata għad-9 ta' Novembru 2021 fis-2.30 pm.

5.21.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.22.1. Servizz dwar tindif ta' toroq urbani (T/4/5/Vol IV)

5.23.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 28 tat-12 ta' Lulju 2021, meta l-Kunsill iddeċieda li għandha ssir evalwazzjoni fid-dettal tar-rotot u l-frekwenzi tat-tindif tat-toroq urbani, bil-għan li jiġi stabbilit jekk hemmx lok ta' reviżjoni, fil-parametri stabbiliti fil-kuntratt. Fil-fatt huwa ħejja skeda riveduta li ġiet diskussa flimkien mas-Sindku D. Vella, il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, flimkien mal-*Contracts Manager* R. Mercieca.

5.23.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li attwalment żewġ impjegati tal-kuntrattur huma msiefrin għal numru ta' ġimgħat. Wieħed minn dawn kien fuq it-tindif tat-toroq urbani u l-ieħor fuq is-servizz tal-iskart ġoff. L-uniku persuna li kien fadal ġie assenjat il-ġbir tal-iskart goff, filwaqt li tqabbad persuna oħra fuq il-knis mingħajr ma ngħata żmien biżżejjed biex jorjenta ruħu ma' mar-rotot stabbiliti. Dan minkejja li l-kuntratt jesiġi illi għandu jkun hemm minimu ta' żewġ kenniesa.

5.23.4. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li kien osservat li t-Terminal taċ-Ċirkewwa attwalment qed jitnaddaf mill-*Cleansing and Maintenance Division*, u allura l-kuntrattur għandu żewġ nofs ta' nhari fil-ġimgħa li jista' jiddedikahom għall-parti urbana tal-lokalità. Għaldaqstant l-iskeda ġiet riveduta fid-dawl ta' dan il-fattur, u hekk ma nbidel xejn mill-parametri stabbiliti fil-kuntratt. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa imporanti ħafna li tiġi osservata r-rotta ġurnata b'ġurnata. Huwa talab li din tkun parti mill-minuti u tiġi ċċirkolata lill-membri kollha tal-Kunsill.

5.23.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li huwa mportanti li l-kuntrattur ma jitqabbadx jagħmel xogħol li ma jkunx skedat għaliex b'hekk jintilef il-kontroll kollu. Hija qalet li flimkien mal-*Contracts Manager* qed isegwi l-andament tax-xogħol jum b'jum, u fejn ma jkunx hemm osservanza tal-iskeda, qed jinħarġu *default notices*. Issa wieħed irid jara kif it-tindif tal-ispralli (*culverts)* ser jinkwadra fl-iskedi tal-knis.

5.23.6. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għamilha ċara li l-kuntratt jistabilixxi illi t-tindif tal-ispralli irid isir fix-xahar ta' Settembru, apparti l-iskedi tal-knis tat-toroq. Huwa qal li waħda ma teskludix lill-oħra.

### 5.24.1. Art mhux żviluppata fi Triq l-Etna k/m Triq Mons. Franġisk Xuereb (V/1/Vol II)

5.24.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarfet li rrappurtat diversi drabi sabiex jitneħħew inġenji u vetturi wżati fil-kostruzzjoni li qed jitħallew fuq l-art indikata b'mod permanenti. Hija qalet li minkejja dan, xorta waħda baqa' kollox l-istess.

5.24.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li dwar dan l-ilment kien hemm l-involviment tal-Awtorità tal-Ippjanar u l-Pulizija tal-Komunità. Minkejja dan, is-Sur C. Debono qal li huwa ser jerġa' jitlob l-intervent tal-Pulizija u jżid li l-art hija tal-Knisja, iżda ġiet konċessa lill-Kunsill sabiex jiżviluppaha bħala post ta' rikrejazzjoni.

### 5.24.1. *Voice of Children and Young Persons* (Z/1/Vol II)

5.24.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fit-2 ta' Awwissu 2021 hija, flimkien mal-Kunsillier K. Buttigieg kellhom laqgħa mal-organizzazzjoni mhux governattiva msemmija li l-għan tagħha huwa li tipromwovi l-interessi tat-tfal u ż-żgħażagħ. Hija ssuġġierit li fil-magazin tal-Kunsill "Mill-Qiegħa għat-Tfal" jidher artiklu dwarha.

5.24.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva s-suġġeriment imressaq.

### 5.25.1. *European Week of Sports* (S/4/2/Vol IV)

5.25.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 6 ta' Awwissu 2021 fejn l-Sports Malta, tramite l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tħajjar l-organizzazzjoni ta' attivitajiet li jinvolvu eżerċizzju fiżiku. Hija, flimkien mal-Kunsillier K. Buttigieg ipproponew li tiġi organizzata mixja fit-toroq tal-Mellieħa, bil-parteċipazzjoni tat-tfal tal-iskola u persuni li jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum. Din il-proposta ġiet anke diskussa mad-diriġenti taż-żewġ faċilitajiet u ntwera nteress minn naħa tagħhom. Qed jiġi ssuġġerit ukoll li d-data tal-attività tkun il-15 ta' Ottubru 2021.

5.25.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.26.1. Jum il-Kunsill 2021 (A/5/3/1/Vol XVII)

5.26.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li s-serata ta' Jum il-Kunsill, meta jiġu ppreżentati l-onorefiċenzi ssir nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2021 f'xi sala fil-lokalità stess.

5.26.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u talab li jitfassal programm sabiex ikun hemm żmien biżżejjed biex dan jitħejja.

5.26.4. Kien hemm qbil ukoll li għandha toħroġ is-sejħa għan-nominazzjonijiet.

### 6.1. Arranġamenti tat-traffiku qrib iċ-*Childcare Centre* fi Triq Qasam Barrani (T/3/2/Vol XVI)

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fit-30 ta' Lulju 2021 saret laqgħa fuq il-post ma' uffiċjali minn Transport Malta, li għaliha attendew is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg. Wara li l-uffiċjali ta' Transport Malta raw il-post, xorta waħda baqgħu tal-fehma li m'għandhiex tiżdied *pedestrian crossing* oħra mat-tnejn eżistenti li hemm fl-istess akkwati. L-istess uffiċjali qalu li bl-introduzzjoni ta' *pedestrian crossing* jintilfu mill-inqas żewġ postijiet għall-ipparkjar fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Għaldaqstant ġie propost li jiġu riżervati erba' postijiet għall-ipparkjar li jinsabu qrib id-daħla taċ-*childcare centre*, liema faċilità tkun fis-seħħ bejn is-6:30 am u l-5:00 pm, mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

6.3. Kien hemm diversi Kunsillier li ma qablux mal-arranġament propost minn TM, li jkun hemm minn hu kostrett li jipparkja f'postijiet lill'hinn minn dawk indikati quddiem iċ-*childcare centre*, minħabba li d-domanda kontinwa matul il-ġurnata kollha ma tippermettix mod ieħor. Tennew ukoll li jeżistu diversi *pedestrian crossings* qrib xulxin f'lokalitajiet oħra.

6.4. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab laqgħa mal-uffiċjali konċernati.

**7.1. Sejħa għall-Kwotazzjonijiet MLC 3/2021 – Skema Komunitarja dwar Manuntenzjoni ta' Kompjuters Personali għal Persuni li għandhom ir-Residenza Ordinarja tagħhom fil-Lokalità (K/16)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li s-sejħa msemmija għalqet fil-21 ta' Lulju 2021 u r-rispons għaliha kien kif jidher hawn taħt:

| Offerta Nru. | Offerent | Prezz |
|---|---|---|
| 158430 | Multi-Net Co. Ltd | €3,999.96 |
| 158426 | Tarcotech | €6,200.00 |
| 158424 | Tarcotech | €4,200.00 |

7.3. Il-Kunsill qabel li s-sottomissjonijiet li saru għandhom jiġu evalwati mill-kumitat magħmul mis-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u mill-Kunsillieri E. Bartolo.

**8.1. Aċċess għal parti ta' ġewwa ta' Triq l-Għar u Casa / il-Barkazza (T/4/7/Vol III)**

8.2. Is-Sindku D. Vella għarraf illi kien hemm residenti ta' Triq il-Barkazza li lmentaw li l-proposta dwar l-għoti tal-konkos fuq it-triq eżistenti ser tikkawżalhom aktar problemi. Huwa qal li kemm-il darba l-Kunsill jintervjeni jkun ifisser li jidħol responsabbli għall-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw. Is-Sur D. Vella ndika wkoll li hemm ukoll l-alternattiva l-oħra li tiġi mwittija l-parti ta' Triq il-Barkazza li tinfed għal Triq il-Wied Ta' Ruman, u b'hekk forsi jkun possibbli li titbaxxa t-triq quddiem garaxxijiet li attwalment ma jistgħux jintużaw. Is-Sur D. Vella qal li din alternattiva forsi ma ġietx evalwata biżżejjed.

8.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li l-*bill of quantities* li ġie ppreparat jipprovdi li titbaxxa t-Triq l-Għar u Casa u Triq il-Barkazza. L-intervent tal-Kunsill huwa meħtieġ biex jingħata aċċess temporanju sakemm issir it-triq.

8.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg ikkonferma dak qal is-Sindku skont il-minuta 8.2. aktar 'il fuq, fis-sens li huwa ġie avviċinat minn sid ta' fond illi għandu garaxx li attwalment qiegħed tliet filati taħt il-livell eżistenti tat-triq. L-istess persuna qed issostni li bil-permess li ngħata mill-Awtorità tal-Ippjanar huwa jkun kostrett li jneħħi l-konkos li jista' jingħata sabiex jassikura li jkollu aċċess għall-garaxx. Is-Sur K. Buttigieg kompla jgħid li biex dak li jsir jagħmel sens, it-triq trid titbaxxa u ssir skont il-livelli mogħtija mil-Land Survey Unit tal-Awtorità tal-Ippjanar, għaliex altrimenti l-intervent li jsir jaġevoli lil uħud mir-residenti, għad-detriment ta' oħrajn.

8.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li l-ispiża kkwotata faċilment tista' togħla, apparti l-fatt li l-intervent mitlub mhux responsabiltà tal-Kunsill għar-raġuni li l-iżviluppaturi huma obbligati li jiffurmaw it-triq, filwaqt li l-asfaltar isir minn Infrastructure Malta, meta jkun hemm persentaġġ minnha żviluppat.

8.6. Il-Kunsillier G. Micallef ippropona li ssir laqgħa għar-residenti li għaliha jkun preżenti l-perit inkarigat.

8.7. Il-Kunsillier I. Castillo reġa' intervjena billi talab li l-fatturi msemmija għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tal-perit inkarigat u diskussi direttament waqt laqgħa miegħu.

8.8. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li tista' tiġi mistħarrġa l-possibiltà illi l-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Barkazza titniffed direttament ma' Triq il-Wied Ta' Ruman, kif kien sar snin qabel fir-rigward ta' Triq id-Denċi li hija parallela magħha. Huwa ppropona li tintalab l-għajnuna ta' Infrastructure Malta sabiex isir dan.

8.9. Kien hemm qbil li l-proposta skont il-minuta 8.8. għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-perit sabiex jinkiseb il-parir professjonali tiegħu.

**9.1. Żvilupp ta' wesgħa bejn Triq l-Għasel, Triq Monsinjur Franġisk Xuereb, u Triq l-Etna (P/4/27)**

9.2. Is-Sindku D. Vella ppropona li jinbeda l-proċess li jwassal għall-ħruġ ta' sejħa għall-offert sabiex jitwettaq il-proġett imsemmi.

9.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-proċess jista' jinbeda hekk kif il-perit assenjat il-proġett jgħaddi d-dettalji tekniċi li jridu jidħlu fid-dokument tal-offerta. Huwa ppropona wkoll li ssir talba għall-finanzjament tal-proġett taħt id-*Development Planning Fund* amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Awwissu 2021.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn il-11 ta' Ġunju u t-22 ta' Lulju 2021.

10.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-12 ta' Lulju u t-13 ta' Awwissu 2021.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, l-ewwel parti tas-seduta spiċċat fil-10.54 pm, filwaqt kien hemm qbil li l-kontinwazzjoni tagħha għandha ssir fis-16 ta' Settembru 2021 fis-6.00 pm billi kien hemm korrispondenza li ma ġiet trattata minħabba raġunijiet ta' ħin.

Il-Kunsill aġġorna għas-seduta li jmiss nhar it-Tnejn 27 ta' Settembru 2021 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**